Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 345/18

**Alberta Fire & Security Ltd** **(appellanti)**

**vs**

**AE3 (Malta) Ltd** **(appellata)**

30 ta' April 2019

1. **Il-kawża hi dwar talba għall-ħlas lura tas-somma ta' €4,024.90 bilanċ ta' somma flus li l-attriċi ssostni li tat lill-konvenuta għal xogħol li ma sarx.**

2. Fl-Avviż tas-26 ta' Lulju 2018 ippreżentat fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi qalet li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' €4,024.90 li tatha bil-quddiem sabiex tagħmel xogħlijiet li ma sarux. Għalhekk lit-Tribunal sabiex jordna lis-soċjeta` konvenuta tirrfondilha tali somma. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru 882/17 datata 15 ta' Diċembru 2017 (kopja annessa bħala Dok A), u bl-imgħaxijiet legali mid-data li sar il-ħlas da parti tagħha, sad-datat tal-eventwali pagament (rifużjoni).

3. Peress li s-soċjeta` konvenuta ma ppreżentatx it-tweġġiba fit-terminu, it-Tribunal ordna l-isfilz tagħha.

4. Fid-29 ta' Ottubru 2018 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ċaħad it-talba tas-soċjeta` attriċi biex tippreżenta dokumenti, u dan għaliex fit-8 ta' Ottubru 2018 kienet iddikjarat li ma kellhiex iktar provi.

5. Permezz tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ċaħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

6. Fl-<u>20 ta' Diċembru 2018,</u> is-soċjeta` attriċi ppreżentat rikors tal-appell u talbet lil din il-qorti sabiex:

(1) <u>tirrevoka u tannulla d-**digriet** tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-29 ta' Ottubru 2018</u>, li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba tagħha biex tipproduċi iktar dokumenti, b'dan li tawtorizza l-produzzjoni tad-dokumenti in kwistjoni; u/jew

(2) mingħajr preġudizzju għas-suespost, <u>tirrevoka u tannulla s-**sentenza** mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-10 ta' Diċembru 2018</u>, u tilqa' t-talba tagħha billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma ta' €4,024.91 bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 882/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, bl-imgħaxijiet legali mid-data li sar il-ħlas da parti tagħha sad-data tal-eventwali pagament.

7. <u>**L-aggravji tal-attriċi huma s-segwenti:**</u>

(1) Fir-rigward tad-**digriet** li permezz tiegħu it-Tribunal ċaħad it-talba tagħha biex tipproduċi dokument għaliex kienet laħqet iddikjarat li għalqet il-provi, tilmenta li dan imur kontra l-ispirtu u n-natura tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, li għandhom jiġu deċiżi għab-bażi ta' ekwita`.

(2) Fir-rigward tas-**sentenza** li permezz tiegħu it-Tribunal ċaħad it-talba tagħha biex is-soċjeta` konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' €4,024.91, issostni li d-depożizzjoni mogħtija mix-xhud tagħha (persuna impjegata fid-diviżjoni tal-finanzi tagħha) kellha titqies bħala prova suffiċjenti in sostenn tal-każ tagħha.

8. Fit-<u>8 ta' Frar 2019</u> is-soċjeta` konvenuta wieġbet biex tgħid li kemm id-digriet tad-29 ta' Ottubru 2018, kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018 huma ġusti u jimmeritaw konferma.

(1) Hija preliminarjament issostni li l-appell huwa <u>**null**</u> għal diversi raġunijiet:

*(a)* <u>*"L-appell kif imsejjes huwa irritu u null":*</u>

<u>Fl-ewwel lok</u> issostni li s-soċjeta` attriċi ma setgħetx tappella mid-digriet. Irreferiet għall-Artikolu 8(1) tal-Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li appell jista' jsir minn deċiżjoni tat-Tribunal, u mhux ukoll minn deċiżjoni meħud tul il-proċeduri;

<u>Fit-tieni lok</u> u mingħajr preġudizzju għas-suespost, issostni li s-soċjeta` attriċi falliet b'mod lampanti milli tindika b'mod ċar x' inhuma l-aggravji tagħha.

(b) *<u>"L-appell ma jinkwadrax ruħu taħt waħda minn dawk ir-raġunijiet u/jew ċirkostanzi indikati fil-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalihom biss wieħed jista' jressaq appell</u>":*

Mingħajr preġudizzju għas-suespost issostni li l-appell ma jinkwadrax ruħu taħt waħda minn dawk ir-raġunijiet u/jew ċirkostanzi indikati fil-Kapitolu 380 li abbażi tagħhom wieħed jista' jappella minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar.

(2) Hija imbagħad tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-aggravji tas-soċjeta` attriċi dwar id-digriet tad-29 ta' Ottubru 2018 u s-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018 huma infondati.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti.</u>**

***<u>Jekk jistax isir appell minn digriet tat-Tribunal ?</u>***

9. Fil-fehma tal-qorti għall-finijiet ta' din il-kawża m'huwiex importanti jekk jistax isir appell mid-digriet tat-Tribunal li bih ċaħad it-talba tal-attriċi sabiex tippreżenta dokument. Mill-atti jirriżulta li l-attriċi kienet għamlet dikjarazzjoni ċara li ma kellhiex iktar provi xi tressaq. Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal kellu jedd jiċħad it-talba tal-attriċi, iktar u iktar meta ma ngħatat l-ebda raġuni valida għalfejn id-dokumenti ma kinux preżentati fl-istadju meta l-attriċi kienet qegħda tressaq il-provi tagħha. Għalhekk din l-eċċezzjoni ssir irrilevanti ġialadarba l-ewwel aggravju hu miċħud.

***<u>Jekk l-aggravji tas-soċjeta` attriċi ġewx imfissra tajjeb ?</u>***

10. M'għandhiex raġun is-soċjeta` konvenuta appellata targumenta li s-soċjeta` attriċi falliet li tindika b'mod ċar fhiex jikkonsistu l-aggravji tagħha. L-ilmenti huma spjegati b'mod ċar u li jiftiehem. Dan kif jirriżulta wkoll mit-tweġiba li ppreżentat il-konvenuta li ma sabet l-ebda diffikulta biex tirribatti l-argumenti tal-attriċi.

***Jekk l-appell setax isir taħt il-Kap 380 ?***

11. Lanqas m'għandha raġun is-soċjeta` konvenuta ssostni li l-appell odjern ma jinkwadrax taħt waħda minn dawk ir-raġunijiet u/jew ċirkostanzi indikati fil-Kaptitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta li abbażi tagħhom wieħed jista' jappella minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar. L-appell mis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018 effettivament jinkwadra sew taħt l-Artikolu 8(3):

"*Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2)*[1]*, jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).*"

***Jekk fil-meritu t-talba tas-soċjeta` attriċi ġiex sostanzjata bil-provi ?***

12. Bħala prova s-soċjeta` attriċi appellanti ressqet lil Godfrey Azzopardi. Din il-qorti tagħmel aċċenn partikolari għas-segwenti punti li ħarġu minn dak ix-xhud:

- Fl-2017 is-soċjeta` attriċi ħallset lis-soċjeta` konvenuta ċekk ta' €5,000 bħala depożitu fuq xogħljiet li kellhom jiġu eżegwiti minnha;
- Bħala xogħlijiet li ġew aċċettati mis-soċjeta` attriċi saru biss b'€976 - il-kumplament ma sarux sew u tneħħew u saru minn ħaddieħor;
- Il-Project Manager tas-soċjeta` konvenuta, Frans Mallia, kien mar fuq il-post u kkonferma li s-soċjeta` attriċi kellha tagħmel ix-xogħol mill-bidu, u li s-soċjeta` konvenuta kellha tħallas (lura) €4,024.91 mid-depożitu ta' €5,000;
- Maruzio Romano[2] r-rappreżentant tal-konvenuta kien aċċetta li jħallas lura s-somma li qegħda tintalab f'din il-kawża;
- Romano kien għarraf lix-xhud li kellu problema finanzjarja u talabha biex taċċetta *post-dated cheque* għall-aħħar ta' Ottubru sabiex ma jidħlux il-Qorti.
- Wasal l-aħħar ta' Ottubru u l-*post-dated cheque* ma ssarrafx, u s-soċjeta` attriċi baqgħet ma tħallsitx lura l-€4,024.91.

[1] Jiġifieri l-ammont jitqies mingħajr id-drittijiet u spejjeż li għandhom x' jaqsmu mat-talba.
[2] Mir-risposta tal-appell tas-soċjeta` konvenuta jirriżulta li Maurizio Romano huwa d-direttur

13. Għalkemm id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud hija l-unika prova mressqa mis-soċjeta` attriċi, kienet biżżejjed sabiex it-Tribunal ikun sodisfatt li t-talba tas-soċjeta` attriċi hija fondata fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Dan ukoll meta wieħed iqis li x-xhud kien il-*Finance Executive* fil-fergħa tal-*Accounts* tas-soċjeta` attriċi, u jsemmi li min-naħa tas-soċjeta` konvenuta kienu anke għamlu *post-dated cheque* fir-rigward tas-somma li qegħda tintalab.

14. Jiġi mfakkar li l-Artikolu 9(2)(b) tal-Kap 380 jipprovdi li t-Tribunal:

*"għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u* ***ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-każ li jkun qed jittratta****".*

15. Fis-sentenza t-Tribunal qal li l-attriċi kellha tressaq provi oħra. F'dan ir-rigward semma:

   i. Lil Frans Mallia, projects manager, li kien il-persuna li kien qiegħed jagħmel superviżjoni sabiex it-Tribunal ikun jista' jiddetermina kemm sar xogħol mill-konvenuta;
   ii. Prova dokumentarja li sar il-ħlas inizjali;

16. Fil-fatt it-Tribunal ċaħad it-talba mhux għaliex m'emminx lix-xhud iżda minħabba li *"..... kien hemm provi oħra li setgħu ġew prodotti, u s-soċjeta attriċi għażlet li ma tipproduċihomx. Fiċ-ċirkostanzi t-Tribunal ma jistax jilqa' t-talbiet tas-soċjeta attriċi, u għakemm is-soċjeta konvenuta ma pproponiet l-ebda difiża għall-kawża, it-Tribunal m'għandux quddiemu l-provi li setgħu inġiebu mis-soċjeta attriċi u baqgħu ma nġabux".*

17. Il-qorti ma taqbilx. Pero' fis-sentenza ma ntqalx li x-xhud m'huwiex kredibbli. Ix-xhud kien ċar fi kliemu u l-fatti jafhom personalment għaliex kien direttament involut sabiex l-attriċi tiġbor lura s-somma li ntalbet fl-avviż. Din il-qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni għalfejn Azzopardi m'għandux jitwemmen. Skont il-verżjoni li ta Azzopardi kien intelħaq ftehim li Romano jħallas lura s-somma li qegħda tintalab. Madankollu l-ħlas baqa' ma sarx. Ċertament li kien ikun floku li x-xhud

jippreżenta per eżempju l-*post dated cheques* li rrefera għalihom meta xehed. Pero' l-fatt li ma ġewx ma jfissirx li dak li qal ix-xhud ma kellux jitwemmen. Dan apparti li t-Tribunal kieku ried u ra l-ħtieġa, waqt li kien qiegħed jixhed ix-xhud, kellu jedd jordna lix-xhud li jippreżenta prova dokumentarja tal-paġament inizjali li sar fil-bidu kif ukoll taċ-ċekkijiet. Ordni li ma ngħatatx.

18. Fit-tweġiba l-konvenuta staqsiet għalfejn Romano ma tressaqx bħala xhud sabiex *"... turi li hija għandha raġun u mhux is-soċjeta esponent ?"* L-attriċi ma kellha l-ebda obbligu tressqu bħala xhud, u l-fatt li ma ressqitux ma jfissirx li d-deposizzjoni ta' Azzopardi għandha tkun skartata.

19. Ikkunsidrat dan kollu din il-qorti issib li l-ilment tal-attriċi hu ġustifikat.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-10 ta' Diċembru, 2018. Tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta appellata tħallasha s-somma ta' erbat elef u erbgħa u għoxrin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€4,024.91), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba (13 ta' Settembru, 2018) sad-data tal-pagament.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.